# Il-Ħuttafa

## Il-magażin ta' Klabb Ħuttaf













BirdLife MALTA

Klabb Ħuttaf

Numru 73

Marzu - April 2006



# Hej Ħuttaf!

# x'għandna?


| | |
|---|---|
| editorjal | 2 |
| Aħbarijiet | 3 |
| X'għandna mid-dinja? | 4 |
| X'se Naraw? | 5 |
| Attività | 6 |
| Gallerija | 7 |
| Bl-għeruq u x-Xniexel | 7 |
| Falko | 8 |
| Dik il-qatra ilma | 9 |
| Sibtha fix-Xibka | 10 |
| Daħħal membru | 10 |
| Madagaskar | 11 |
| Soft Toys | 12 |




Kif taraw minn paġna 3, bejjet għall-ewwel darba l-blonġun żgħir fir-riserva tas-Simar. Għalina tal-BirdLife dan unur u sodisfazzjon kbir, għax meta jbejjet għasfur f'riserva jfisser li qed nagħmlu xogħolna sew. Ifisser li għaddejna mill-iktar eżami tqil!

Biex għasfur ibejjet x'imkien, irid iħossu komdu. Mhux ċajta! Għax ħafna għasafar bix-xejn jinħasdu u jitgerrxu. Għalhekk il-BirdLife tagħmel sforz kbir biex fir-riservi ma jsir xejn li jfixkel lill-għasafar. Din mhix ħaġa faċli. Heqq, hemmhekk wara kollox imorru ħafna studenti matul il-ġimgħa, u r-riserva tiftaħ għall-publiku nhar ta' Ħadd ukoll. Imma b'attenzjoni lejn l-imġiba ta' min iżur, jirnexxielna nżommu l-kwiet u l-paċi.

Ħaġa oħra li jrid għasfur biex jitħajjar ibejjet hi ambjent sinjur biżżejjed biex jipprovdi l-ikel mhux għalih biss imma anke għall-familja li jrid irabbi. Din ukoll kienet biċċa xogħol kbira għall-BirdLife, għax is-Simar mhux minn dejjem kien kif inhu llum. Jien niftakru miżbla li tqażżek, bi ħmieġ u rimi ta' kull xorta ta' moqżiżerija, kif jafu jħallu ħafna nies. Biex ma nsemmix id-drenaġġ fil-kanal! Jiġifieri kien hemm ikel kemm trid, imma għall-ġrieden u l-wirdien! Dan kollu issa spiċċa, u l-għadajjar li hemm is-Simar mimlijin mhux bid-drenaġġ imma bil-bużaqq, ħuta ideali għal żaqq il-blonġun!

Intom bħala membri tal-Klabb u tal-BirdLife għandkom ukoll tħossukom kburin b'dan is-suċċess. Qisu mela li tkomplu tgħinuna, għax bis-saħħa tagħkom, il-BirdLife tista' tkompli tieħu ħsieb ir-riservi u taħdem fuq proġett ġodda, dejjem biex inkomplu nagħtu l-ambjent lura lin-natura.

F'dil-ħarġa m'għandniex Kompetizzjoni. Ir-rebbieħ ta' Kompetizzjoni 72 kien il-ħabib tagħna **Diego Debono**. Prosit Diego, il-premju daqt ikun għandek.

**Victor Falzon** L-Editur



L-**orkida piramidali ta' Malta** (Maltese pyramidal orchid *Anacamptis urvilleana*) hija pjanta endemika għal Malta. Ma tantx hi komuni, imma fejn tikber ġeneralment issib diversi minnha. Tħobb l-ambjent tax-xagħri u tagħmel il-fjuri fil-bidu tar-rebbiegħa. Sabiħa immens. Inkredibbli x'jikber qalb il-blat!

## Thanks Nor!



Nixtieq f'isem il-Kumitat ngħid grazzi mill-qalb lill-ħabib tagħna **Norman Chetcuti** li għal ħafna snin kien membru attiv fil-Kumitat tal-Klabb, u li kellu kontra qalbu jieqaf minħabba turrun xogħol ieħor, anke xogħol tal-BirdLife stess. Thanks Nor!


**kumitat klabb ħuttaf**

Jason Aloisio, Desirée Falzon, Sylvia Falzon, Victor Falzon, Kathleen Mamo, Mariangela Meli.



indirizz BirdLife Malta, 57/28 Triq Rigord, Ta' Xbiex MSD 12
tel 21347645 feks 21343239 imejl info@birdlifemalta.org
websajt www.birdlifemalta.org
imejl tal-magażin il-huttafa@birdlifemalta.org



Sakemm mhux speċifikat mod ieħor, l-isem BirdLife f'dal-magażin jirreferi għal BirdLife Malta. Materjal mill-magażin jista' jiġi kkupjat basta mhux għal skop kummerċjali, u basta jissemma' isem il-magażin u tintbagħat lill-BirdLife kopja tal-materjal fejn ġie kkupjat.



Publikazzjoni: BirdLife Malta, April 2006
Disinn u produzzjoni: Victor Falzon
Faċċata: Orkida pirmidali ta' Malta, ritratt ta' Victor Falzon, meħud ix-Xemxija
Films: Pixel Services. Stampat: Poulton's Print Shop


**Klabb Ħuttaf huwa t-taqsima ta' BirdLife Malta għall-membri ta' taħt it-18. Norganizzaw ħarġiet fil-kampanja, żjarat f'riservi naturali, u nagħmlu xogħol ambjentali. Noħorġu l-magażin *Il-Ħuttafa* kull xaharejn għall-membri, u nagħmlu ħendawts u logħob għal waqt xi attivitajiet. Sħubija fi Klabb Ħuttaf hija Lm3 fis-sena.**

# Bejjet il-Blonġun!



Raymond Galea

Hekk hu. Żidna għasfur ieħor mal-lista ta' għasafar li jbejtu f'Malta: il-**blonġun żgħir**.

Ftit ġimgħat ilu, il-ħabib tagħna Ray Galea kien qiegħed berdwoċing fir-riserva tas-Simar, u ra l-bejta ta' dan l-għasfur qalb il-qasab niexef. Il-gwardjan tar-riserva kien ilu xi żmien josserva par blonġuni żgħar iħufu fl-ilma, u mill-imġiba tagħhom issuspetta li setgħu qegħdin jippruvaw ibejtu.

Issa kkonfermajna: il-par bnew bejta moħbija qalb il-qasab fuq l-ilma, u fiha faqqsu 3 frieħ. Xi fotografi tal-BirdLife irnexxielhom jieħdu ritratti tal-flieles. Hija drawwa ħelwa tal-blonġuni li meta ż-żgħar jegħjew jgħumu, jieħdu lift fuq dahar il-mamà jew il-papà!

U b'hekk bis-saħħa tas-Simar, erġajna tawwalna l-lista ta' għasafar li jbejtu f'Malta. Il-blonġun żgħir (little grebe *Tachybaptus ruficollis*) s'issa konna narawh Malta fil-ħarifa u x-xitwa. Jekk jibqa' jbejjet nibdew narawh anke fir-rebbiegħa u fis-sajf, bħal dis-sena.

Intom ma tiftakrux, imma sa l-1992 is-Simar kien miżbla ta' ħmieġ, b'riħa ta' drenaġġ, mitluq u miftuħ għall-vandali, u kulħadd dieħel u ħiereġ ikisser u jqaċċat. Fl-1992, il-BirdLife bdiet il-proġett biex tirranġah u tibdlu f'riserva naturali. U hekk ġara.

Xi ħaġa tgħidli li l-blonġuni ma kinux se jbejtu hemmhekk kieku ħallejnieh kif kien! Intom x'taħsbu?!

# It-toroq periklu għall-ambjent!

Bħalissa hawn ġenn ta' toroq ġodda. Veru li għandna bżonn nirranġaw it-toroq, imma f'pajjiż żgħir bħal tagħna rridu noqogħdu b'seba' mitt għajn biex ma naħlux art bl-addoċċ, speċjalment art importanti għan-natura. Għalhekk b'dispjaċir inħabbru li hemm pjan tal-biża' li jekk iseħħ se jeqred, fost inħawi oħra...





















Meta nsemmu New York City, nimmaġinaw bini u toroq u traffiku. Żgur ma nimmaġinawx... kojoti! Imma proprju kojoti kien li l-pulizija qabdu (wara jumejn jiżgiċċalhom) minn ġo Central Park, ġnien kbir f'nofs din il-belt enormi Amerikana.

Il-**kojoti** (coyote *Canis latrans*) huwa bħal lupu żgħir li jgħix fid-deżert u fil-beraħ ta' l-Amerka ta' Fuq. Jibża' mill-bniedem u rari jersaq lejn il-bini. Imma kultant xi wieħed jazzarda! U dan bilfors kien kojoti qalbieni biex għażel li jidħol iħuf fi New York City. Forsi kienet xi mħatra ma' sħabu? :-) Għax jekk hu hekk, mela rebaħha.




# Miskin il-ħangul

Fl-Indja għandhom ċerv aħmar jgħidulu **ħangul** jew **Kashmir stag**. L-Indja kburin b'daċ-ċerv, tant li jidher fuq waħda mill-bolli tal-pajjiż. Il-problema hi li l-ħangul jgħix fil-Kashmir, reġjun kollu nkwiet u ġlied. Minħabba f'hekk il-ħangul ma jistax jiġi protett sew, u n-nies xebgħu joqtlu minnhom. Jaħsbu li minn xi 3000 li kien hemm 30 sena ilu, mhux żgur baqa' 150!

Issa li l-ġlied batta xi ftit, il-gvern iddeċieda li jistudja l-ħangul aħjar billi jwaħħlu kullar bil-GPS ma' għonq ħafna minnhom. Bl-għajnuna tas-satellita jkunu jafu fejn qegħdin ħalli jindukrawhom aħjar.

Nittamaw li l-ħangul ma jibqax fit-triq tan-niżla.



# Innoċenti massakrati

Beda l-massakru ta' 325,000 foka! Is-silġ fix-xatt tal-Lvant tal-Kanada qed jiħmar bid-demm ta' dawn l-annimali bla ħtija. Il-gvern Kanadiż ried iwaħħal f'xi ħadd talli qed tfallilu l-industrija tas-sajd. Ma riedx iwaħħal fir-regħba tas-sajjieda li battlu l-baħar b'sajd esaġerat, għax ma riedx protesti. Allura waħħal f'annimal li ma jafx jiddefendi ruħu (u li ma jivvutax!) Għalhekk weħlu l-foki. U nzerta l-foki għandhom kisja pil, li huwa perfett għall-kowtijiet tal-fer!

# Park kbir f'Kiribati




F'Kiribati għadhom kemm ħolqu t-**tielet l-ikbar park marin tad-dinja**. Kiribati huwa grupp ta' 33 gżira mxerrdin fl-Oċean Paċifiku.

Waqt laqgħa fuq il-biodiversità[1] li saret ftit granet ilu fil-Brażil, il-president ta' Kiribati ħabbar li se jaqta' s-sajd kummerċjali kollu fl-ibħra madwar xi gżejjer ta' pajjiżu (il-gżejjer Phoenix). Timmaġinawx xi roqgħa daqs pixxina [illegible]. Qed nitkellmu fuq medda baħar ta' 184,700km² (= 7 darbiet daqs Sqallija).

B'hekk se jipproteġu 120 speċi ta' qroll u 520 speċi ta' ħut. Dan ha jkun l-ewwel park marin li ha jipproteġi habitat ta' baħar fond, fejn jeżistu anke muntanji fil-qiegħ. Parks marini oħrajn, bħal fl-Awstralja u l-Hawaii jipproteġu iktar l-iskollijiet tal-qroll (coral reefs), li jikbru x'aktarx f'ilma baxx.



[1] biodiversità: [illegible] speċi ta' flora u fawna.

# X'se naraw?

**Jason Aloisio** jgħidilna kif naraw u nagħrfu xi għasafar li jkunu magħna f'daż-żmien tas-sena.





## il-Bilbla

short-toed lark · *Calandrella brachydactyla*

Il-bilbla hija waħda mill-ftit għasafar tal-passa li jbejtu f'pajjiżna, l-aktar f'Għawdex u Kemmuna. F'Malta m'għadhiex tbejjet daqs kemm kienet fl-imgħoddi. Għandha lewn kannella ċar imnaqqax bi ftit iswed minn fuq, u bajdanija minn taħt. B'dawn il-kuluri tant tinħeba tajjeb fil-ħamrija niexfa li trid ittajjarha mill-art biex tinduna biha. Fil-fatt iktar għandek ċans tismagħha tgħanni waqt li ttir fil-għoli milli taraha. Fejn tismagħha tgħanni fittex fis-sema u għandek mnejn tara għasfur daqs tikka jferfer il-ġwienaħ waqt li jgħanni.

Il-bilbla tibni l-bejta fl-art, spiss f'raba' maħdum, taħt xi xitla għall-kenn.

(*Għasafar Madwarna* p 29)

## il-Kaċċamendula

woodchat shrike · *Lanius senator*

Din ukoll għasfur tal-passa, bi ftit pari li jbejtu kważi kull sena. Il-kaċċamendula hi ftit ikbar minn għasfur tal-bejt. Tqatta' ħafna ħin fuq xi zokk fl-għoli tgħasses għall-priża (insetti, gremxul u għasafar żgħar). Għalhekk issibha f'inħawi miftuħin fejn ikun hemm xi ftit tas-siġar. L-abjad leqqien ta' sidirha jagħmilha pjuttost faċli biex taraha, għax bih tkun tidher mill-bogħod. Daharha, denbha u l-ġwienaħ huma suwed u bojod, u rasha għandha lewn qastni skur sabiħ.

Mhijiex għasfur li tgħidlu komuni, imm fil-passa tar-rebbiegħa ġieli jiġu ġranet meta jidher ħafna kaċċamendul.

(*Għasafar Madwarna* p 51)

Jekk għandek l-internet, idħol fil-websajt tal-BirdLife **www.birdlifemalta.org,** klikkja KLABB ĦUTTAF, imbagħad klikkja X'SE NARAW? u ssib iktar ritratti taż-żewġ għasafar u anke tisma' l-ħoss li jagħmlu. Grazzi lil Denis Cachia li jieħu ħsieb il-websajt.




L-istampi t'hawn fuq meħudin mill-ktieb ***Għasafar Madwarna*** (fil-ktieb qegħdin bil-kulur). Il-BirdLife ħarġet dal-ktieb apposta għal min irid jibda l-berdwoċing minn età żgħira. Fih tagħrif sempliċi fuq 100 għasfur, u stampi bil-kulur minn qoxra sa qoxra. U jiswa **Lm2.05** biss! Jekk għad m'għandekx... x'qed tistenna? Ċemplilna fuq 21347646 u ordna wieħed. Jew aqbeż qabża sa l-Għadira jew is-Simar fi tmiem il-ġimgħa.

# Mixja suċċess! Ġabra suċċess!

**Il-Hadd 19 Marzu 2006, fit-8.30am ħdejn il-Villa Rumana fir-Rabat beda jinġabar grupp kbir, sa ma tela' 194 ruħ! Ġew għall-festa ta' San Ġużepp? Le! Ġew għall-mixja tal-Klabb!**

Il-temp kien imsaħħab bi ftit riħ, perfett għall-mixi għax kieku x-xemx kienet toqtolna. Tlaqna, u taħt it-tmexxija tal-Leader Sivie (armat bil-*walkie-talkie*!) għaddejna minn ħdejn l-iMtarfa, minn Għajn Qajjied, id-Dwejra, Binġemma, iż-Żebbiegħ, San Martin u Wied il-Pwales sa ma wasalna x-Xemxija. Hemmhekk il-BirdLife qassmet rigali lil min ġabar Lm2+, imbagħad kulħadd infired. Uħud krejnielhom karozza, li ħadithom lura r-Rabat.

B'kollox inġabru **Lm464.52**, u Jacqueline Licari kienet il-membru li għamlet l-ikbar ġabra: Lm23.07! Prosit! B'dawk il-flus issa l-BirdLife tista' tixtri l-proġekter biex nużawh l-iktar fl-iskejjel, u anke nħallsu parti mil-laptop li jmur miegħu. GRAZZI KBIRA lill-membri u l-iskejjel li ġabrulna l-flus.

Grazzi wkoll lil-Leaders u l-helpers kollha li għenu: Ray Bonnici, Sivie u Pauline Cauchi, Theresa Cremona, Sylvia Falzon, Victor Falzon, Felix u Janet Gerardi, Kathleen Mamo, Mariangela Meli, Alberta Psaila, Agnes u Silvio Scicluna u Sonia Tonna; kif ukoll l-għalliema li mexxew il-gruppi mill-iskejjel.


Le… Sivie… wa… ta…

**Dawn huma biss NOFS il-grupp!**

### Lista tat-tfal li ġabru l-flus. Grazzi ħbieb!

Jacqueline Licari Lm23.07 • Stephen Galea Lm21.56 • Elena Pace Lm20.90 • Christina Cutajar Lm19.50 • Ruth Bezzina Lm16.50 • Steve Zammit Lupi Lm12.50 • Jade Doughty Lm12 • Lara Seychell Lm12 • Katia Gatt Lm11.05 • Kurt Chetcuti Lm10.80 • Mario Zammit Lm10.35 • Sephora Francalanza Lm10.22 • Christopher Saliba Lm10.18 • Eymon Galea Lm10 • Demi Corradi Lm9.50 • Ludwig Camilleri Lm8.70 • Mireille Cutajar Lm8.64 • Simon Gauci Lm8 • Nicholas Farrugia Lm8 • Clara Galea Lm8 • Neville Micallef Lm7.40 • Graziella Borg Lm7.06 • Cassandra Camilleri Lm6.95 • Brandon Orland Lm6.53 • Simone Scicluna Lm6.05 • Jean Paul Farrugia Lm6 • Isabeau Gatt Lm6 • Martina Attard Lm6 • Owen Scerri Lm6 • Martina Buhagiar Lm6 • Ryan Vassallo Lm6 • Elsa Borg Saywell Lm5 • Chanelle Calleja Lm5 • Annalise Pizzuto Lm5 • Raisa Buttiġieġ Lm4.42 • Julie Ann Cassar Lm4.10 • Askya Pizzuto Lm4 • Katya Warrington Lm4 • Raissa Facciol Lm4 • Erika Sultana Lm4 • Luke Deguara Lm4 • Ryan Saliba Lm3.70 • Samuel Camilleri Lm3.20 • Gabriella Mifsud Lm3.16 • Daniel Bonnici Lm3.10 • Louisa Fenech Lm3 • Angelique Azzopardi Lm3 • Angele Vanhear Lm3 • Jean Luc Camilleri Lm3 • Francesca Attard Baldacchino Lm3 • Roberta Debono Lm2.95 • Andrea Sammut Lm2.90 • Anna Maria Galea Lm2.85 • Steven Pisani Lm2.75 • Jason Ciantar Lm2.50 • Daniel Vella Lm2.25 • Kim Pelham Lm2.25 • Francesca Borg Costanzi Lm2.22 • Danica Buhagiar Lm2.20 • Julia Johnson Lm2.20 • Leanne Borg Lm2.13 • Ryan Wood Lm2 • Kristina Duca Lm2 • Sandrine Borg Lm2 • Paula Grech Lm2 • Mandy Randon Lm2 • Alessia Mizzi Lm2 • Greta Attard Lm2 • Julia Portanier Lm2 • Kyle Scerri Lm2 • Gabriel Borg Lm2 • Karen Camilleri Lm2 • Annalise Vella Lm2 • Krista Camilleri Lm2 • Andrea Giusti Lm2 • Debbie Cassar Aveta Lm2 • Tamara Azzopardi Lm2 • Rachel Borg Lm1.50 • Martha Attard Gialanze Lm1.50 • Isabelle Galea LM1.30 • Rowana Gatt Lm1.20 • Sara Borg Grech Lm1.20 • Roderick Sammut Lm1 • Kelsey Wright Lm1 • Simon Tonna Lm1 • Sylvana Scerri Lm1 • Martina Medati 85c • Alison Tabone 63c

## *Aħna sejrin passiġġata l-Buskett! Tiġu?*


forsi naraw xi tajra safra

Mark Anthony Vella

Ħa ninżlu waħda sal-Buskett, l-uniku post f'Malta li jista' jfakkarna xi ftit kif ikunu foresti barra minn pajjiżna. Peress li huwa post uniku f'Malta, il-Buskett huwa protett u huwa wkoll santwarju ta' l-għasafar[1].

Fil-Buskett nosservaw tipi differenti ta' siġar u anke xi fjuri li jikbru f'dan l-ambjent. Noqogħdu attenti għal xi għasafar li nistgħu naraw jew nisimgħu, u forsi nilagħbu xi logħba ambjentali wkoll.

Hawn huma d-dettalji...

Data: Il-Ħadd **30 April 2006**
Niltaqgħu: **Taħt it-Tinda @ 8.30am**
Nispiċċaw: xi **11.30am**
Iġġibux: blalen, radios eċċ. Din passiġġata naturali, mhux xalata!
Età: **kulħadd merħba! :-)**

[1]**santwarju ta' l-għasafar** : post fejn ħadd ma jista' jfixkel l-għasafar, fejn per eżempju kaċċa u nsib huma kontra l-liġi.

Ibagħtulna TPINĠIJIET jew RITRATTI naturali tagħkom! Mhux ta' annimali domestiċi. Tinsewx isimkom u età, u isem l-annimal jew pjanta.

galerija



**farruġ**
Gianluca
Pollacco 10



**venewwa**
Saviour
Gaffarena 9



**widnet il-baħar**
James Spiteri 11



**ħuttafa**
Gary
Pace 7



**denfil**
Rebecca
Vella 8



**kokka tat-tikek**
Kurt Schembri 10



**ajkla**
Joseph Scerri 9



**kuluvert tas-salib**
Justine Lanzon 10



**Għasfur tal-Bejt**
Gilmour Stellini 12

Sensiela ġdida

# Bl-Għeruq u x-Xniexel

Dawra mas-siġar Maltin ma' **Charles Grech**



Desirée Falzon

Is-siġra ta' Ġuda tingħaraf malajr fiż-żmien ir-rebbiegħa minħabba l-fjuri roża skuri li tkun imħaddna biħom. Dawn il-fjuri joħorġu minn irjus (bl-ingliż *buds*) li jkunu maz-zokk. Il-weraq ta' din is-siġra huwa tond.

Il-Ġuda hija siġra ħorfija[1]. Fil-bidu tar-rebbiegħa, tinkesa bil-fjuri qabel ma toħroġ il-weraq. Wara li l-fjuri jiddakkru dawn isiru mżiewed, li fihom ikollhom ż-żerriegħa. Għall-bidu l-miżwed ikun aħdar imma maż-żmien jinxef u jsir kannella skur, u jibqa' mdendel maz-zkuk tul ix-xitwa. Dan il-miżwed jgħidilna li din is-siġra hija qariba ta' żewġ siġriet Maltin oħra: il-ħarruba u l-ġenista safra.

Għaliex jgħidulha Ta' Ġuda? Jingħad li Ġuda l-iSkarjota, wara li biegħ lil Ġesù, mar jitgħallaq proprju ma' din is-siġra. Jgħidu wkoll li l-fjuri tagħha ħmarulha bil-mistħija għax Ġuda għażel lilha!

Fis-salvaġġ, is-siġra ta' Ġuda tieħu forma ta' arbuxxell kbir. Imma nsibuha spiss ukoll imħawla fit-toroq, fil-ġonna u f'xi msaġar. Nafu minn dokument ta' żmien il-Kavallieri li hija kienet imħawla fil-pjazza tal-Furjana. Interessanti ngħidu li dis-siġra nstabu fdalijiet tagħha fi Skorba, ħdejn l-iMġarr (Malta). B'hekk nafu li kienet diġà tikber Malta bejn 7200 u 6500 sena ilu.



Desirée Falzon

Għalhekk is-siġra ta' Ġuda hija żgur siġra indiġena[2], u għalhekk hemm bżonn nieħdu ħsiebha u nħawlu wisq aktar minnha.

[1] **ħorfija**: pjanta li twaqqa' il-weraq fix-xitwa.
[2] **indiġena**: pjanta jew annimal li jgħixu f'post b'mod naturali, jiġifieri bla ma jkun ġabhom hemm il-bniedem.

# Mix-Xagħra sa Ta' Ċenċ

is-Sibt 11 Marzu 2006

rapport




Inzertatilna ġurnata riħ qawwi. Kellna dubju jekk hux ser jaħdem il-vapur, imma meta wasalna ċ-Ċirkewwa kollox kien miexi normali, għalhekk irkibna u erħejnielha lejn Għawdex fl-isbaħ żmien tas-sena, meta jkun mikxi b'tapit aħdar wara x-xita tax-xitwa.

X'ħin wasalna morna x-Xagħra u ltqajna ma' żewġ membri minn Għawdex, u flimkien imxejna lejn Ta' Ċenċ. Għalkemm kien għadu riħ, xorta żammejna għajnejna miftuħin għal xi għasafar, u rajna diversi bufuli iswed, u anke skoss zizka bojod ifittxu l-ikel fl-għelieqi.

X'ħin wasalna Ta' Ċenċ, il-ħbieb Għawdxin urewna fejn kienu sabu xi orkidi li ma tantx huma komuni. Rajna u ammirajna 5 speċi, u ma stajniex ma nikkummentawx dwar l-ispettaklu ta' kuluri tagħhom, flimkien ma' l-aħdar differenti tad-diversi pjanti tax-xagħri. X'ħasra kbira kieku flok dax-xagħri rikk bi fjuri u insetti ikun hemm skoss vilel, bangalows u korsa tal-golf, għax żgur iħassru wieħed mill-isbaħ postijiet naturali li fadlilna.

Kif konna hemm morna nittawlu lejn l-irdum impressjonanti, u kien hawn li komplejna nżidu mal-lista ta' l-għasafar. Rajna salt gawwi prim, u xi merilli, fosthom żewġ irġiel bil-blu tar-rix ileqq fix-xemx. Damu ħin twil jiġru wara xulxin qrib tagħna, u jieqfu f'xifer l-irdum, biex jagħtuna ċans ingawduhom sew!

Wara l-mixja morna nqattgħu ftit ħin għand sieħibna Mario Gauci, li tant jieħu paċenzja bina kull meta mmorru Għawdex, u saħansitra jlestilna xi ħaġa x'nieklu! Minn għandu, imbagħad ġirja waħda lejn Malta, għax it-temp sabiħ li tant iffavoriena matul il-ġurnata, f'temp ta' nofs siegħa nbidel f'maltempata bil-beraq u s-sajjetti!

Stefan Azzopardi



Falko f'Ta' Ċenċ

# FALKO

**Żgħażagħ BirdLife Malta**

## Mill-**Punent** sat-**Tramuntana**

Il-Ġimgħa 28 April 2006

Waħda mill-iżjed attivitajiet sbieħ li jkollna fil-Falko hija bla dubju n-najt hajk mir-Rabat sal-Mellieħa. Minn mindu bdejnieha, din l-attività qatt ma waqfet jew intesiet! Għalhekk se nerġgħu nagħmlu dil-mixja lejlija kemm għal dawk li ġieli ġew kif ukoll inħeġġu l-membri l-ġodda biex jattendu din l-attività tant sabiħa! Il-mixi fil-kampanja fid-dlam għandu ċertu seħer. U se jkun dlam sew, għax ħa jkun qamar ġdid.

Niltaqgħu: **7.30pm Valletta** (ħdejn tal-ħalib) jew
**8.30pm** ir-**Rabat** (fuq is-Saqqajja)
Età: **Falko (13yr+)**

## Ġurnata **Kemmuna**

Il-Ħadd 7 Mejju 2006



Attività oħra tal-ġenn għall-membri tal-Falko. Se mmorru ġurnata Kemmuna nimxu, nosservaw in-natura, u anke naraw ix-xogħol ta' bird ringer f'xiex jikkonsisti.

Niltaqgħu: **7.30am iċ-Ċirkewwa** (fejn tieqaf tal-linja)
Età: **Falko (13yr+)**

## Bajk ħajk f'**Għawdex**

Is-Sibt 27 May 2006

Se nerġgħu nagħmlu hajk bir-roti fuq talba ta' diversi membri! Did-darba ser nagħmlu l-attività f'Għawdex. Ħa jkollna daqsxejn tat-tlajja', imma jkollna wkoll veduti mill-isbaħ, u ambjent kemmxejn differenti minn ta' Malta.

Niltaqgħu: **7.30am Il-Belt** (ħdejn tal-ħalib) jew
**8.30am** ċ-Ċirkewwa (fejn tieqaf tal-linja)
Età: **Falko (13yr+)**

Attivitajiet Falko

**Malta għandha żewġ staġuni prinċipali, u matul wieħed minnhom bilkemm ikollna xita. Għalkemm jiġu snin, bħal dis-sena, fejn ix-xita ma tonqosx fix-xitwa, xorta nbatu minn skarsità ta' ilma. Dan minħabba raġunijiet kemm naturali kif ukoll problemi li ħoloq il-bniedem.**



## ħażna

F'Malta m'għandna la xmajjar u lanqas għadajjar kbar jew sorsi oħra ta' ilma ħelu. Ftit hawn għejun permanenti ta' ilma ħelu. L-ilma tax-xita jinħażen b'mod naturali taħt l-art, f'dik li tissejjaħ il-Ħażna tal-Pjan. F'xi nħawi hemm ukoll ħażna oħra mperrċa fuq is-saff tat-tafal. Apparti x-xita, dawn il-ħażniet huma l-uniku sors naturali ta' ilma għall-bnedmin u għall-flora u l-fawna li jgħixu fuq Malta.

Li għandna klima niexfa mhux tort tagħna, imma bl-attivitajiet tagħna aħna stess komplejna nkabbru l-problema tan-nuqqas ta' ilma. Fiċ-ċiklu naturali ta' l-ilma (il-*water cycle*), ħafna mill-ilma tax-xita li jaqa' fl-art jgħaddi bil-mod mill-ħamrija u mill-blat u jinġabar fil-Ħażna tal-Pjan. Imma biż-żieda fil-bini u fit-toroq, l-ilma ma jkunx jista' jipperkola[1], u minflok jibqa' sejjer għall-baħar u jintilef (dak li jgħidulu *runoff*). Minħabba l-mod kif nibnu, mela, il-Ħażna tal-Pjan m'għadhiex timtela daqs kemm kienet tagħmel qabel.

## ħela

L-użu ta' l-ilma spiss isir bla kontroll. F'Malta hawn diversi spejjer[2] li tħaffru bla permess, li minnhom jittella' l-ilma mill-Ħażna tal-Pjan bla rażan. Imma mhux mill-ispejjer biss issir il-ħela ta' ilma.

Aħna stess naħlu l-ilma fl-azzjonijiet żgħar ta' kuljum, bħal meta nħallu l-vit miftuħ għal xejn, meta nifflaxxjaw bla bżonn, meta nimlew il-banju sax-xfar biex ninħaslu, eċċ. Irridu nidraw nibżgħu għall-ilma...

Veru li llum ma niddependux biss mill-ilma tal-pjan, għaxillum għandna l-impjanti tar-reverse osmosis[3]. Imma dawn l-impjanti jużaw ĦAFNA enerġija. U tafu x'tgħid l-formola:

**iktar enerġija = iktar tniġġis**

Niftakru wkoll li l-ilma f'Malta ma jużawhx biss ir-residenti, imma wkoll il-ħafna turisti li jżuruna (iktar minn miljun fis-sena). Il-lukandi jużaw ammont kbir ta' ilma.

## ħażin

Apparti l-kwantità, irridu nqisu wkoll il-kwalità ta' l-ilma. Mhux biss għandna ftit ilma, imma għandna wkoll problemi bit-tniġġis tiegħu! Il-kimiċi u żjut li nużaw f'diversi attivitaijiet (speċjalment fil-biedja) spiss jipperkolaw għal ġol-Ħazna tal-Pjan, u jniġġsuha. U jekk il-Ħażna tal-Pjan titbaxxa ż-żejjed, jibda diehel l-ilma baħar u jdardar l-ilma ħelu. Mhux ta' b'xejn f'xi nħawi ta' Malta l-ilma tal-vit huwa mielaħ.

**Irridu dejjem niftakru li l-problema ta' l-ilma f'Malta mhix se tisparixxi sempliċiment għax tiġina sena b'ħafna xita. Dan ir-riżors tant kruċjali rridu nibżgħu għalih il-ħin kollu!**

[1] **jipperkola**: meta l-ilma jgħaddi mill-ħamrija u mix-xquq ta' l-art u jinżel fil-blat tal-fond.
[2] **spiera**: (bl-ingliż *borehole*) ħofra dejqa u fonda li tibqa' nieżla fil-blat sal-ħażna ta' ilma, li mbagħad jittella' bil-pompa.
[3] **reverse osmosis**: post l-ilma baħar jissaffa mill-melħ biex isir ilma tajjeb għax-xorb.

# Sibtha fix-Xibka!

## Websajts fuq in-natura mill-internet

Din id-darba ħsibt li bħala membri ta' Klabb Huttaf, ikun xieraq li nsibilkom sajt fuq l-għasafar. U sibt din!

Is-sajt hija miktuba b'mod ċar u faċli biex tużaha. Fiha enċiklopedija ta' l-għasafar li tħabbatha ma' ħafna kotba li hawn fis-suq. It-tagħrif ippreżentat b'ħafna modi: hemm ċarts, ritratti u għanjiet ta' l-għasafar bl-awdjo. Barra milli tgħinkom tagħrfu l-għasafar (ħafna minnhom jiġu Malta), issibu tagħrif dwar l-ikel favorit ta' kull speċi, kif ikollhom il-frieħ, kemm jgħixu eċċ. Fiha wkoll kwiżż u parti fejn intom tistgħu tibagħtu l-opinjoni jew il-mistoqsijiet tagħkom.

Insomma, sajt oħra tal-ġenn!

**Janet u Amy Gerardi**




**issibuha f'dan l-indirizz:**
**http:// www.garden-birds.co.uk**

Xi membri qalulna li ppruvaw jidħlu fil-websajt li ġibna l-aħħar darba u ma setgħux. Meta ppruvajna aħna ma stajniex lanqas, kienet tassew sparixxiet! Dan kultant jiġri, għax min ikun qed jieħu ħsieb il-websajt kultant jiddeċiedi li jneħħieha jew jibdel xi ħaġa fl-indirizz (jew fil-URL, kif jgħidulu). Ftakru li l-websajts jibnuhom in-nies, u bdil isir spiss. JG+AG.

## Għal kull membru li ddaħħal fil-Klabb inti tieħu

- **3 pitazzi**
- **stiker bil-kulur**
- **15-il punt fil-Huttafattiva**



Ħajjar lil sħabek u lil ħutek jidħlu fi Klabb Huttaf...
Tiħom kopja ta' dil-formola biex jimlewha...
Imla isfel nett id-dettalji tiegħek stess...
Ibgħat kollox lil BirdLife Malta, flimkien mat-**Lm3** tal-membru l-ġdid.

**Dettalji tal-membru l-ġdid:**

isem u kunjom ____________________

indirizz ____________________

____________________ postcode ________

data tat-twelid ________ telefon ________ imejl ________

liema skola jattendi ____________________

**Dettalji tiegħek stess:**

isem u kunjom ____________________

indirizz ____________________

____________________ postcode ________

membership number ________ telefon ________ imejl ________

liema skola tattendi ____________________

Ibgħat kollox lil **BirdLife Malta 57/28 Triq Rigord, Ta' Xbiex MSD 12**
Tibgħatx flus bil-posta, imma ċekk (pagabbli lil BirdLife Malta) jew inkella 43 bolla tas-7ċ (jekk self-adhesive tant aħjar!).

**Tqattax il-magażin - agħmel kopja!**

# MaDaGaSKaR

Alison Buttiġieġ



ffed lemur



aye-aye

Xi nies f'Madagaskar joqtluh għax jgħidu li hu *bad luck*! Miskin.

Madagaskar hija r-raba' l-akbar gżira fid-dinja, u fiha jgħixu ħafna annimali u pjanti endemiċi[1]. Tgħid għaliex?

Sempliċi: għax Madagaskar inqatgħet minn ma' l-Afrika 160 miljun sena ilu. Għalhekk il-flora u l-fawna tagħha żviluppaw għal żmien twil maqtugħin mill-bqija tad-dinja. B'hekk inħoloq ambjent uniku, b'natura unika.

Madagaskar hija magħrufa l-iktar għal-lemuri u l-kamalejonti. Il-**lemuri** huma tip ta' primati (jiġu mix-xadini) li evolvew fuq Madagaskar biss. Peress li f'Madagaskar m'hemmx xadini, wudpekers, skwirils eċċ, il-lemuri ħadulhom posthom! Wieħed minnhom, jgħidulu **aye-aye** (rari ħafna) għandu wieħed minn subgħajh twil u rqiq apposta biex ideffsu fix-xquq tas-siġar biex joħroġ id-dud! Nofs l-ispeċi ta' **kamaleonti** fid-dinja jinsabu f'Madagaskar u jvarjaw fid-daqs minn 3.5ċm sa daqs ta' qattus!

Naturalment, b'dawk il-lemuri kollha, ma setax jonqos li fuq Madagaskar jevolvi wkoll predatur li jispeċjalizza biex jaqbadhom! U dan huwa l-**fossa**, annimal qisu xi ħaġa bejn puma u kelb, b'denb twil ħafna. Il-fossa huwa aggressiv u aġli ħafna, speċjalment fis-siġar. Ħeqq bilfors, inkella kif tridu jaqbad il-lemuri! Imma tant hu mistħi mill-bniedem u rari li huwa biss ftit ilu li xjenzati rnexxielhom jiħdulu ritratti fl-ambjent naturali tiegħu.

Mad-daqqa t'għajn, Madagaskar tidher ġenna ta' l-art, imma ir-realtà hi ferm differenti. Din il-gżira qiegħda taħt stress ambjentali kontinwu, speċjalment minn deforestazzjoni[2] tal-biża' min-nies tal-post.

[1] **endemiċi**: speċi li jgħixu hemmhekk biss.
[2] **deforestazzjoni**: qtugħ ta' foresti.



fossa






F'Madagaskar hemm iktar minn 50 speċi ta' kamaleonti, ħafna minnhom uħud bil-qrun. Kollha huma endemiċi.

kamaleonti




# Waslulna s-soft toys!

- Tmien soft toys ta' għasafar differenti...
- Kollha bit-tisfira vera tagħhom... • Lm3 biss...
- Għall-bejgħ mill-Għadira, mis-Simar jew miċ-Ċentru tal-BirdLife...

L-Għadira tiftaħ is-Sibt u l-Ħadd 10.30am-4.30pm • Is-Simar jiftaħ il-Ħadd 12.30pm-4.30pm
Iċ-Ċentru tal-BirdLife (Ta' Xbiex) jiftaħ mit-Tnejn sal-Ġimgħa 9am-1pm. Ċemplu 21347646